## 6 ta' Ġunju, 1989

**Imħallef: –**

## Onor. Albert Manchè LL.D.

Ramesh Chetenram Sharma *et*

*versus*

L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika *et*

### *Jury* – Dewmien – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Gvern – Leġittimu Kontradittur – Avukat Ġenerali – Prim Ministru – Insindakabilità

*Fi proċeduri dwar ksur ta' Drittijiet Fundamentali tal-Bnidem ma japplikax il-prinċipju ta' extra petitum, u l-Qorti tista' tagħti kull rimedju fil-kompetenza tagħha li jidhrilha xieraq, anke jekk dak ir-rimedju ma jkunx speċifikament mitlub.*

*Meta l-vjolazzjoni tad-dritt issir minn persuna u r-rimedju relativ ma jistax jingħata minn din il-persuna iżda jista' jingħata biss minn persuna jew awtorità oħra, il-Qorti, bis-saħħa tal-prinċipju ubi ius ibi rimedium, tista' tordna lil din il-persuna jew awtorità oħra li tagħti dan ir-rimedju, anke jekk ma tkunx taħti għall-vjolazzjoni, purchè dan ir-rimedju ma jilledix id-drittijiet ta' din il-persuna jew awtorità.*

*Meta ssir talba biex ma jitkomplewx proċeduri kriminali għax dawn il-proċeduri jilledu drittijiet fundamentali, l-Avukat Ġenerali hu leġittimu kontradittur biex jikkontesta dik it-talba, anke jekk ma ssir ebda allegazzjoni li l-Avukat Ġenerali kien jaħti għal din il-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali.*

*L-Istat għandu d-dmir li jipprovdi strutturi adegwati biex jitħarsu d-drittijiet fundamentali u biex, f'każ ta' vjolazzjoni, jingħata rimedju. Il-Prim Ministru għandu t-tmexxija ta' l-amministrazzjoni tal-pajjiż u għalhekk għandu l-mezzi biex jissodisfa ċerti ordnijiet tal-Qrati. Għalhekk il-Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern huwa leġittimu kontradittur f'każ ta' talba għal kumpens minħabba dewmien fi proċeduri kriminali għax jista' jkun li d-dewmien ikun dovut għal nuqqas tal-Gvern li jipprovdi strutturi adegwati.*

Il-Qorti: –

Rat ir-Rikors ta' Ramesh Chetenram Sharma, Salvatore *sive* Sam Zammit u Fidiel Dalli, ippreżentat fit-8 ta' Frar 1989 li bih ippremettew:

1. Illi b'att ta' l-akkuża Numru 84 ta' l-1978 (Dok. A) huma qegħdin jiġu akkużati quddiem il-Qorti Kriminali b'delitti li allegatament ġraw fl-1973;

2. Illi l-*jury* tagħhom ġie ffissat għas-smigħ għall-14 ta' Frar 1989;

3. Illi dan id-dewmien fil-proċess Kriminali jammonta għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Illi dan id-dewmien, barra minn raġunijiet oħra, jikkawża preġudizzju kbir lill-esponenti, billi ħafna mix-xhieda fil-kompilazzjoni llum mietu jew siefru, b'mod li jkun impossibbli għall-esponenti li jikkontroeżaminawhom, jew li jixhdu in difesa;

Talbu li din il-Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet,

toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq ta' l-artikoli fuq imsemmija, fosthom billi tordna li jieqfu minnufih il-proċeduri Kriminali (Att ta' Akkuża 84/78) fuq imsemmija wara *li jiġi ddikjarat illi t-tkomplija* tagħhom tammonta għall-ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, u li tagħti kull rimedju xieraq għad-dewmien, fosthom kumpens għall-ksur ta' dawk id-drittijiet;

Bl-*ispejjeż;*

Rat ir-risposta ta' l-intimati ppreżentata fit-13 ta' Frar 1989 li biha ssottomettew:

1. Illi preliminarjament l-intimati Aġent President ta' Malta u Prim Ministru ġew imħarrka inutilment peress li m'humiex il-leġittimi kontradittturi u għalhekk għandhom jinħarġu mill-kawża billi jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju, u dana apparti dak li hemm ipprovdut fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 1;

2. Illi subordinatament u bla preġudizzju, l-intimati b'ebda mod ma jistgħu jitqiesu responsabbli għal-lanjanzi tar-rikorrenti. L-Avukat Ġenerali għamel dak li kellu jagħmel u ppreżenta l-atti meħtieġa, fit-termini tal-Kodiċi Kriminali, iżda l-*appuntament tal-kawża għas-smigħ ma jsirx minnu (jew mill-*President tar-Repubblika jew mill-Prim Ministru) iżda mill-Qorti Kriminali. L-intimati m'għandhomx ir-rappresentanza ġudizzjarja tal-Qorti Kriminali. Kwantu għall-kwistjoni tax-xhieda li allegatament mietu jew siefru, l-intimati wkoll ma jistgħux, imqar remotament, jitqiesu responsabbli *ta' tali mewt* jew safar;

3. Illi inoltre r-rikorrenti kellhom, u għad għandhom, mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur minnhom allegat; iżda dawn, flok ma għamlu użu minn dawna r-rimedji mogħtija skond il-liġi, baqgħu ma tħarrkux sa ftit jiem ilu, u meta hekk tħarrku kien biex jitolbu differiment ieħor, liema talba l-Qorti Kriminali ġustament ċaħdet bid-digriet tagħha tad-9 ta' Frar 1989;

4. Illi l-lanjanza u t-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll infondati in vista ta' dak li hemm u jintqal fl-artikolu 47(7) tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 7 ta' l-Att XIV ta' l-1987;

5. Illi, bla preġudizzju għas-suespost, it-talba għall-waqfien minnufih tal-proċeduri kriminali għandha tiġi miċħuda peress li tali talba hi kontra l-liġi;

Salv eċċezzjonijiet u sottomissjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjeż;

Rat l-eċċezzjoni ulterjuri mogħtija mill-Avukat Ġenerali tar-Repubblika mogħtija minnu fl-udjenza tas-26 ta' April 1989 fis-sens ta' l-illeġittimità tal-persuna tiegħu f'din il-kawża u għalhekk talab li jiġi lliberat mid-domandi u/jew mill-osservanza tal-ġudizzju;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Mejju 1989 li bih il-kawża ġiet differita għas-sentenza għas-6 ta' Ġunju 1989 fuq l-eċċezzjonijiet preliminari dwar l-illeġittimità tal-persuni tat-tliet intimati;

Rat l-atti l-oħrajn kollha kompriżi n-noti ppreżentati mir-rikorrenti u mill-intimati fil-5 u fit-22 ta' Mejju 1989 rispettivament;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Fit-trattazzjoni orali l-intimati ssottomettew *inter alia* illi:

(a) Il-kawża odjerna bħal kull proċedura kontenzjuża tirrikjedi li l-intimati jridu jkunu responsabbli għall-vjolazzjoni allegata mir-rikorrenti biex huma jkunu leġittimi kontradittur̈i u li m'hemm ebda allegazzjoni simili fir-rikors fil-konfront ta' xi wieħed mill-intimati;

(b) Inoltre l-intimati ma jistgħux jiġu ordnati jagħtu r-rimedju mitlub mir-rikorrenti. Fil-każ tal-President ta' Malta u tal-Prim Ministru dawn bl-ebda mod ma jistgħu jindaħlu meta jibda *jury* u lanqas jekk jitwaqqafx. Fil-każ ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubbika minbarra li mhux qed jiġi imputat lilu ebda dewmien iżda anke kieku kien responsabbli huwa ma jistax jiġi ordnat jagħmel jew ma jagħmilx dak li l-liġi fdatlu u in sostenn ta' dan huwa ċċita s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni li jiddisponi:

"Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu biex jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali u ta' kull setgħat oħra mogħtija lilu b'xi liġi f'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra";

(ċ) Hemm sensiela ta' ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li l-intimati jridu jkunu leġittimi kontradittur̈i u li, kif inhu intavolat ir-rikors, ħadd mit-tliet intimati m'hu

leġittimu kontradittur;

Fit-trattazzjoni orali r-rikorrenti *inter alia* ssottomettew:

(a) li jekk hemm vjolazzjoni għandu jkun hemm rimedju fuq l-iskorta tal-prinċipju *ubi jus ibi rimedium* u jekk dan japplika għad-drittijiet taħt il-liġi ordinarja *multo magis* għandu japplika għad-drittijiet tal-bniedem protetti mill-Kostituzzjoni;

(b) li l-intimati mhux korretti li jillimitaw il-leġittimu kontradittur għal min jivvjola d-dritt, peress li jista' jkun hemm persuna oħra li hija responsabbli għall-osservanza ta' dak id-dritt u tista' tkun dik il-persuna l-oħra li tista' tagħti rimedju. Mhux qed jingħad li l-intimati huma ħatja tal-vjolazzjoni tad-dritt però l-Istat jiggarantixxi l-osservanza tad-drittijiet invokati mir-rikorrenti u għalhekk l-Istat huwa leġittimu kontradittur bħala garanti ta' dawn id-drittijiet internament u internazzjonalment. L-Istat la għandu jikser hu stess u lanqas jippermetti lil ħaddieħor li jiksirhom u l-Istat huwa *accountable* għall-ksur minnu stess u minn ħaddieħor;

(ċ) dwar il-proċedura, ir-rikorrenti ssottomettew li kieku l-kawża saret b'riferenza, l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika kien ikun leġittimu kontradittur, allura mhux hekk għaliex il-kawża odjerna saret b'rikors flok b'riferenza?

(d) dwar l-insindakabilità ta' l-operat ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika taħt id-dispost ta' l-artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni hemm l-istess dispost fl-artikolu 118(8) tal-Kostituzzjoni dwar l-Awtorità dwar ix-Xandir però l-Qrati tagħna ndaħlu f'każijiet ta' ksur ta' *human rights* u la l-Awtorità dwar ix-Xandir u lanqas l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika

m'huwa aqwa mill-Kostituzzjoni;

(e) Il-President ta' Malta żgur li jirrappreżenta lill-Istat u l-Prim Ministru jirrapprreżenta lill-Gvern u għalhekk huma wkoll leġittimi kontradittur f'din il-kawża u għalkemm il-President ta' Malta għandu ċerta immunità fil-każ tal-liġi ordinarja, il-Kostituzzjoni hija suprema, u fil-Kostituzzjoni m'hemmx immunità lanqas fil-konfront tal-President ta' Malta. Meta l-Gvern kollu huwa involut għandu jitħarrek il-Prim Ministru. F'dan il-każ huwa l-Istat li jista' jkun responsabbli għal-lanjanzi tar-rikorrenti;

Illi dwar ir-responsabbilità ta' l-Istat fil-materja, l-intimati ssottomettew illi huwa minnu li internazzjonalment huwa l-Istat li jiggarantixxi l-*human rights* iżda fil-pjan domestiku jrid ikun responsabbli l-Istat għall-vjolazzjoni biex ikun leġittimu kontradittur u għalhekk m'hemm ebda presunzjoni li proċeduri bħal dawk odjerni għandhom isiru fil-konfront ta' l-Istat; huma ssottomettew ukoll li meta l-Qrati ndaħlu lill-Awtorità dwar ix-Xandir dan kien għax ġie allegat li din oltrepassat il-poteri tagħha iżda fil-kawża odjerna m'hemmx allegazzjoni simili fil-konfront ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika;

Dawn fil-qosor kienu s-sottomissjonijiet orali tal-kontendenti;

Mis-suespost jirriżulta li l-partijiet jaqblu li mhux qed jiġi allegat xi ħadd mill-intimati kkometta vjolazzjoni tad-drittijiet invokati mir-rikorrenti jiġifieri dawk protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem;

Dejjem riferibbilment għall-eċċezzjoni dwar l-illeġittimità tal-persuni ta' l-intimati, il-kontendenti ma jaqblux dwar il-punti segwenti:

(1) It-teżi sottomessa mill-intimati hija fis-sostanza li biex l-intimati jistgħu jiġu ċċitati jridu jkunu huma li vvjolaw id-drittijiet tar-rikorrenti, iridu jkunu in grad li jagħtu r-rimedju u li jkunu jistgħu jiġu ordnati jagħti r-rimedju;

(2) It-teżi sottomessa mir-rikorrenti hija li l-interpretazzjoni ta' leġittimu kontradittur mogħtija mill-intimati mhix korretta peress li l-leġittimu kontradittur jista' jkun persuna differenti minn dik li kkommettiet il-vjolazzjoni u li din il-persuna differenti tkun il-persuna li tista' tagħti rimedju. L-Istat huwa garanti ta' dawn id-drittijiet u għalhekk huwa l-leġittimu kontradittur tenut li jagħti rimedju;

Il-Qorti issa tgħaddi biex teżamina t-teżijiet tal-kontendenti:

L-ewwel wieħed għandu janalizza r-rikors promotorju ta' din il-kawża billi jeżamina l-premessi, il-kawżali u d-domandi tiegħu: Ir-rikorrenti qed jippretendu illi d-dewmien fis-smigħ tal-proċess kriminali kontra tagħhom jammonta għal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom biex tiġi żgurata lilhom il-protezzjoni tal-liġi liema dewmien jikkawża preġudizzju kbir lilhom billi ħafna mix-xhieda li xehdu fil-kompilazzjoni llum mietu, jew siefru, b'mod li jkun impossibbli għalihom li jikkontroeżaminawhom, jew li jixhdu in difesa;

Illi wara li ppremettew dan, talbu biex din il-Qorti tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq ta' l-artikoli fuq

imsemmija (39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni), fosthom billi tordna li jieqfu minnufih il-proċeduri Kriminali u li tagħti kull rimedju xieraq għad-dewmien, fosthom kumpens għall-ksur ta' dawk id-drittijiet;

Hawnhekk ta' min josserva li l-proċedura li tirregola l-kawża odjerna hija dik stabbilita mill-Avviż Legali 48 ta' l-1964 u l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili llum Kap. 12. Importanti għax jista' jkun rilevanti għall-kwistjoni li qed tiġi diskussa huwa d-dispost tar-regolament 3 li fil-*proviso* għat-2 paragrafu ta' l-istess Avviż Legali jagħti diskrezzjoni lill-Qorti biex f'każ li r-rikors jiġi milqugħ hija tagħti kull rimedju ieħor fil-kompetenza tagħha: *"Provided that it shall be lawful for the Court, if the application is allowed, to give any other redress within its jurisdiction which it may consider to be more appropriate"*;

Minn dan isegwi li anke meta r-rikorrent jingħata raġun mill-Qorti għalkemm huwa obbligat jispeċifika r-rimedju mitlub, il-Qorti tista' tagħti kull rimedju **ieħor** fil-kompetenza tagħha li hija tikkonsidra iżjed opportun;

Dan ifisser li fil-proċeduri odjerni ma japplikax il-prinċipju ta' *extra petitum* u dan jagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-Qorti;

Illi però biex wieħed f'dan l-istadju jikkonsidra l-kwistjoni ta' l-illeġittimità jew le ta' l-intimati jrid jinkwadraha prinċipalment f'dak li hu prevedibbli ċjoè fl-ipotesi li jiġi akkolt ir-rikors u li jingħataw ir-rimedji speċifikament mitluba mir-rikorrenti;

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Lucien Stafrace *noe vs***

**Aġent Registratur tal-Qrati *et*** deċiża fid-9 ta' Novembru 1988 jidher li biex waslet għad-deċiżjoni tagħha dwar jekk l-intimati kinux il-leġittimi kontraditturi kkunsidrat jekk huma kinux f'posizzjoni li jagħtu r-rimedju u lliberathom kollha mill-osservanza tal-ġudizzju billi kkonkludiet li huma ma setgħux jew ma kinux awtorizzati jagħtu rimedju kontra d-dewmien ta' Imħallef jew Imħallfin li jagħtu sentenza; żgur ukoll li f'dik il-kawża it-tliet intimati ma kinux responsabbli għad-dewmien fil-prolazzjoni tas-sentenza u kwindi huma ma kinux ivvjolaw id-drittijiet tar-rikorrenti però f'dik il-kawża ma ġiex deċiż proprju dan il-punt iżda kif intqal dak biss dwar li l-intimati ma kinux f'posizzjoni li jagħtu r-rimedju mitlub;

Fil-każ odjern hemm lanjanza ta' dewmien fl-appuntament tal-kawża u flok bħal fil-każ ċitat hemm talba biex tingħata ordni biex is-sentenza tingħata minnufih hemm talba biex din il-Qorti tordna li jieqfu minnufih, il-proċeduri kriminali. Żgur li ħadd ħlief il-Qorti fil-każ ċitat ma seta' jagħti r-rimedju billi hija biss li kienet qed tieħu konjizzjoni tal-kawża setgħet tagħti s-sentenza. Kien hemm l-impossibilità li tiġi kostretta tagħti s-sentenza anke in bażi għall-prinċipju *nemo potest cogi ad factum;* fil-każ odjern huwa konċepibbli li tingħata ordni *di no fare;* wieħed irid jara iżjed 'il quddiem kif u lil min;

Ir-rikorrenti qed jitolbu wkoll kumpens għall-ksur ta' dawk id-drittijiet. Presumibbilment jekk kellha tiġi milqugħa t-talba għall-waqfien tal-proċeduri Kriminali, ir-rikorrenti ma jkunux jistgħu jiġu ppreġudikati minħabba l-mewt u s-safar tax-xhieda billi ma jkollhomx bżonn jiddefendu ruħhom għax il-Qorti qed tifhem li t-talba tagħhom hija biex fil-fatt huma ma jiġux proċessati xejn dwar ir-reati li bihom qed jiġu akkużati fl-Att ta' Akkuża in kwistjoni; presumibbilment lanqas ma jkun hemm

lok għall-kumpens billi bil-liberazzjoni tagħhom mill-akkuża huma ma jkunux ġew ippreġudikati fid-difiża għax l-aqwa difiża hija dik li *twassal għal-liberazzjoni* u *huma* jkunu ottjenew proprju dan. Il-Qorti m'hix qed teskludi li jista' jkun hemm konsiderazzjonijiet oħra, f'dan ir-rigward meta wieħed ikun qed jeżamina l-mertu tar-rikors odjern, stadju li għadu lanqas beda jiġi ttrattat billi l-Qorti qiegħda tittratta biss l-eċċezzjonijiet *preliminari*;

Illi ta' min jirrileva li għalkemm fit-trattazzjoni orali r-rikorrenti ssottomettew li l-Istat huwa garanti u kwindi jista' jkun responsabbli bħala tali għall-vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali minn ħaddieħor, fir-rikors promotorju ma jingħad xejn minn dan; però huwa konċepibbli li r-rimedju li jingħata jkun kumpens u wieħed irid għalhekk għal dik l-ipotesi jikkonsidra jistax ikun il-Gvern responsabbli għar-risarċiment tad-danni minħabba f'dewmien li għalih jista' jkun ikkunsidrat responsabbli l-Gvern, kwistjoni li wkoll f'dan l-istadju trid tibqa' impreġudikata tant *għal dak li hija l-posizzjoni legali tant għal dak li huma l-provi* li l-kontendenti jistgħu jipproduċu fl-istadju tat-trattazzjoni tal-mertu;

Jekk wieħed jieħu l-ipotesi li l-Qorti tagħti l-ewwel rimedju mitlub, jiġifieri dak li tordna li jieqfu minnufih *il-proċeduri* kriminali, kif u kontra min jista' jingħata? Dan l-ordni jista' jingħata lill-Qorti Kriminali stess jew lill-Avukat Ġenerali tar-Repubblika però l-Qorti hija tal-fehma li tant fl-ewwel każ u *multo magis* fit-tieni każ l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika għandu *interess li jikkontesta* t-talba tar-rikorrent u għandu jkun iċċitat biex ikun jista' jiġi ordnat jesegwixxi l-ordni tal-Qorti għax mhux konċepibbli li Qorti tagħti ordni lil min mhux parti f'kawża. Għalhekk l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika għandu

jkun intimat f'din il-kawża. L-interess ovvju li huwa għandu fl-eżitu ta' din il-kawża joħroġ mill-funzjonijiet u poteri vestiti fih tant fil-Kostituzzjoni kif ukoll bil-liġi ordinarja;

Id-dispost kostituzzjonali rilevanti għall-Avukat Ġenerali tar-Repubblika diġà ġie ċċitat u għalhekk m'hemmx għalfejn jiġi ripetut hawnhekk. Hemm l-Ordinanza dwar il-Kostituzzjoni tal-Kariga ta' Avukat Ġenerali u dik ta' Avukat tar-Repubblika (Kap. 90) li fost affarijiet oħra fit-2 artikolu tgħid li: "Għandu jkun hemm uffiċjal li jissejjaħ Avukat Ġenerali illi jkollu s-setgħat, dmirijiet u funzjonijiet kollha li b'saħħa ta' liġi, proklama, regolament jew disposizzjonijiet leġislattivi oħra li jkunu jseħħu f'Malta huma mogħtija lill-uffiċjal imsejjaħ Prosekutur Pubbliku u Avukat Erarjali u li fl-imgħoddi kienu esegwiti u eżerċitati minnu";

Iżjed rilevanti huma d-disposizzjonijet tat-Titolu III ta' l-Ewwel Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali li jikkomprendi l-Liġijiet ta' Proċedura Kriminali u li speċifikament jittrattaw fuq l-Awtoritajiet li lilhom hija fdata l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja Kriminali (Kap. 9). L-artikolu 430 jistabilixxi li l-Avukat Ġenerali huwa l-prosekutur quddiem il-Qorti Kriminali. Insibu wkoll li a tenur ta' l-artikolu 433(2) l-Avukat Ġenerali jista' wkoll iċedi att ta' akkuża ġà ppreżentat, billi jagħmel dikjarazzjoni fuq hekk il-Qorti. Insibu disposizzjoni oħra fl-istess Kodiċi fl-artikolu 600 li tagħti wkoll il-poter lill-Avukat Ġenerali biex iċedi l-att ta' l-akkuża, din tgħid:

600(1) "L-Avukat Ġenerali jista' jċedi att ta' akkuża li jkun ġie ppreżentat minnu, basta li dan isir qabel ma l-akkużat iwieġeb jekk hux ħati jew le fuq l-akkuża...*omissis*...";

Ta' min josserva li ż-żewġ disposizzjonijiet iċċitati li jagħtu dan il-poter lill-Avukat Ġenerali huma kkwalifikati. L-ewwel waħda hija l-eżerċizzju tan-*nolle prosequi;* jiġifieri meta l-Avukat Ġenerali jidhirlu li ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex iqiegħed lill-imputat taħt att ta' akkuża jista' jordna l-liberazzjoni ta' l-imputat qabel jew wara li jkun ġie ppreżentat l-att ta' akkuża. It-tieni waħda hija wkoll ikkwalifikata fis-sens li f'ċertu stadju jinħtieġ ukoll il-kunsens ta' l-akkużat;

Ta' min ukoll jirrimarka li n-*nolle prosequi* m'hix liberazzjoni assoluta għax l-akkużat jibqa' soġġett għall-proċedura mill-ġdid f'każ ta' provi ġodda;

Minħabba l-poteri mogħtija lil din il-Qorti biex tipproteġi d-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu u minħabba d-diskrezzjoni wiesgħa mogħtija lilha fl-għoti ta' rimedju huwa konċepibbli proċeduralment li din il-Qorti tordna lill-Avukat Ġenerali li jwaqqaf il-proċeduri Kriminali billi jċedi l-att ta' akkuża kontra l-imputati u fid-dikjarazzjoni meħtieġa huwa jiċċita l-ordni mogħtija lilu b'sentenza ta' din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha ta' Qorti Kostituzzjonali ta' *prima istanza;*

Hawnhekk wieħed irid jirrispondi għall-oġġezzjonijiet issollevati mill-intimati dwar jekk hemmx bżonn li l-Avukat Ġenerali stess ikun ivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti u mbagħad jekk din il-Qorti tistax tindaħallu minħabba d-dispost ta' l-artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni ġà ċċitat;

Il-Qorti hija tal-fehma li jista' jkun li l-vjolazzjoni ssir minn persuna waqt li r-rimedju jkunu possibbli **biss** minn persuna jew awtorità oħra u hawnhekk il-Qorti tikkondividi l-prinċipju invokat mir-rikorrenti ta' ***ubi jus ibi rimedium*** purchè r-rimedju

ma jkunx jilledi d-drittijiet tal-persuna jew awtorità l-oħra li, kif intqal, ma jkollha ebda tort fil-vjolazzjoni tad-drittijiet in kwistjoni;

Huwa naturali li jekk ir-rimedju jista' jintalab fil-konfront tal-persuna li tkun ivvjolat id-dritt, m'għandux jintalab minn xi persuna oħra;

Illi dwar id-dispost ta' l-artikolu 91(3) ċċitat mill-intimat, il-Qorti ma għandhiex dubbju li lanqas l-Avukat Ġenerali ma jista' impunement jilledi d-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu protetti mill-Kostituzzjoni. Però m'hemmx bżonn li tiġi eżaminata din il-kwistjoni peress li m'hix strettament rilevanti billi r-rikorrenti m'humiex qegħdin jallegaw xi nuqqas fil-konfront ta' l-Avukat Ġenerali kif *del resto* lanqas qegħdin jagħmlu fil-konfront taż-żewġ intimati l-oħra. Huwa veru però li meta l-Qrati ndaħlu fl-operat ta' l-Awtorità dwar ix-Xandir, li hija salvagwardata fil-funzjonijiet b'dispost (art. 118(8) tal-Kostituzzjoni) bħal dak tas-sub-artikolu (3) ta' l-artikolu 91, li jirrigwarda lill-Avukat Ġenerali, huma għamlu dan minħabba nuqqasijiet ta' l-istess Awtorità u ebda nuqqas ma hu qed jiġi addebitat lill-Avukat Ġenerali;

Illi r-rimedju li qed jiġi pprospettat bħala possibbli f'każ ta' eżitu favorevoli għar-rikorrenti ma jkunx *ingerenza indebita* minn "xi persuna jew awtorità oħra" iżda jkun ordni mogħti lilu mill-Qorti b'ġurisdizzjoni Kostituzzjonali biex tagħti rimedju lil min ikun ġie leż fid-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tiegħu, tant għeżież u sagrosanti għall-Kostituzzjoni, li proprju fl-ewwel artikolu tagħha tiddikjara fis-subartikolu wieħed (1) illi "Malta hija repubblika demokratika bbażata fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu";

Għalhekk jinkombi lil din il-Qorti li jekk tikkonstata li ġew ivvjolati d-drittijiet fundamentali hija għandha d-dmir li fid-diskrezzjoni wiesgħa mogħtija lilha tagħti rimedju opportun b'dawk il-mezzi proċeduralment disponibbli u mingħajr ma tilledi d-drittijiet ta' ħaddieħor;

Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika huwa leġittimu kontradittur;

Niġu issa għall-Onorevoli Prim Ministru;

Il-Qorti m'hix għal kollox konvinta mit-teżi tar-rikorrenti li l-Istat huwa "garanti" fis-sens strett tal-figura ġuridika fil-konfront tal-kreditur u debitur ta' obbligazzjoni. Jiġifieri, ma jsegwix li kull meta jkun hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-Istat huwa responsabbli bħala "garanti", jekk id-"debitur prinċipali" ma jonorax l-obbligu tiegħu;

Il-Qorti tħoss li iżjed hija attendibbli t-teżi ta' l-intimati f'dan ir-rigward li l-Istat jiggarantixxi dawn id-drittijiet fil-pjan internazzjonali u mhux fuq dak domestiku fejn id-drittijiet taċ-ċittadin huma dawk mogħtija lilhom bil-liġi domestika. Il-Qorti ma sabet ebda disposizzjoni li tista' tikkonvalida t-teżi tar-rikorrenti li l-Istat huwa "garanti" fis-sens strettament legali tal-kelma, ta' dawn id-drittijiet. F'sens inqas strett, il-Qorti tifhem li huwa dmir ta' l-Istat li jipprovdi l-istrutturi adegwati biex dawn id-drittijiet jiġu fl-ewwel lok rispettati, u biex f'każ ta' vjolazzjoni, jingħata rimedju opportun;

Illi dwar l-ewwel rimedju mitlub, jiġifieri dak li jieqfu l-proċeduri kriminali, l-Onorevoli Prim Ministru la għandu poteri u lanqas huwa desiderabbli li jkollu li jindaħal fi proċeduri

ġudizzjarji, b'rispett għall-prinċipju fundamentali ta' l-indipendenza tal-Qrati u tas-separazzjoni tal-poteri ta' l-Istat, jiġifieri, is-separazzjoni bejn l-Esekuttiv u l-Ġudizzjarju. Kull indħil fi proċeduri ġudizzjarji mill-Esekuttiv, li minnu jifforma parti importantissima l-Onorevoli Prim Ministru, ikun jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri ta' l-Istat u ta' l-indipendenza tal-ġudikatura sanċiti mill-Kostituzzjoni. Għalhekk, għar-rigward ta' dan ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti mhux kostituzzjonalment possibbli li l-Onorevoli Prim Ministru jingħata ordni biex iwaqqaf proċess kriminali, għax mhux il-persuna idonea li tagħmel dan;

Illi dwar it-tieni rimedju mitlub, jiġifieri kumpens għall-ksur tad-drittijiet tar-rikorrent, jista' l-Istat ikun tenut iħallas kumpens għall-vjolazzjoni allegata mir-rikorrenti?

Huwa konċepibbli li jekk il-Qorti ssib li minħabba l-vjolazzjoni allegata r-rikorrenti sofrew danni hija tordna l-ħlas ta' kumpens u dana aktarx fiċ-ċirkostanzi jkun dovut minn fondi pubbliċi ta' l-Istat, liema fondi huma amministrati mill-Gvern li huwa rappreżentant mill-Onorevoli Prim Ministru. Il-Qorti iżjed 'il quddiem sejra tagħmel distinzjoni bejn Gvern u Stat li tħoss li hija neċessarja li tagħmel għall-finijiet ta' din il-kawża;

Hawnhekk il-Qorti tħoss li trid tiċċara xi ftit il-konċett ta' l-indipendenza tal-Qorti fis-sens li m'hemmx dubbju li fid-deċiżjonijiet tagħhom il-Qrati għandhom ikunu u jistgħu jkunu indipendenti. Però f'dawk li huma strutturi huma jiddependu mill-Gvern fis-sens li huwa l-Gvern li jrid jipprovdi lill-Qrati b'post fejn jinstemgħu l-proċessi, bi *staff* u l-mezzi materjali l-oħra kollha meħtieġa għall-funzjonament tal-Qrati. Jiddependi wkoll mill-Gvern meta u kemm jinnomina Imħallfin u nafu mill-

esperjenza ta' pajjiżna stess li l-Gvern jista' ma jikkostitwix Qorti kif ġara meta l-istess Qorti Kostituzzjonali baqgħet mhux kostitwita għal snin sħaħ. Dawn huma nuqqasijiet li huwa konċepibbli li jkun jirrispondi għalihom il-Gvern anke bi ħlas ta' kumpens finanzjarju;

Għalhekk jista' jagħti l-każ li r-rikorrenti jingħataw kumpens li jkun dovut lilhom mill-Gvern għax jinstab li hu responsabbli *in toto jew in parte* għad-dewmien lamentat mir-rikorrenti;

Illi minbarra kumpens finanzjarju, il-Qorti tista' tagħti xi rimedju ieħor li jkun possibbli li jiġi esegwit mill-Gvern;

Il-Qorti, għalhekk, hija tal-fehma li, ad esklużjoni tad-domanda speċifika biex jieqfu l-proċeduri kriminali, l-Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern huwa leġittimu kontradittur;

Niġu issa għall-President ta' Malta;

Il-Qorti tħoss li mhux utili li l-President ta' Malta jiġi ċċitat quddiem din il-Qorti meta jidher li mhux biss ma hu ħati ta' ebda vjolazzjoni iżda lanqas jista' jagħti rimedju la f'dak li hu proċeduri kriminali u lanqas f'dak li hu kumpens;

Dwar it-talba biex jitwaqqfu l-proċeduri kriminali, dak li ntqal fir-rigward ta' l-Onorevoli Prim Ministru japplika *mutatis mutandis* għall-President ta' Malta;

Il-Qorti tħoss li għandha tagħmel distinzjoni netta bejn il-President ta' Malta u l-Onorevoli Prim Ministru, għar-rigward tat-talba għall-kumpens u t-talbiet l-oħra;

Il-Prim Ministru għandu t-treġija ta' l-Amministrazzjoni tal-pajjiż u għalhekk għandu l-mezzi idoneji biex jissodisfa ċerti ordnijiet tal-Qrati. Huwa responsabbli għall-amministrazzjoni u għalhekk huwa ġust u loġiku li jirrispondi wkoll għan-nuqqasijiet tagħha, jekk jirriżultaw;

Il-posizzjoni tal-President ta' Malta hija *toto caelo* differenti minn dik ta' l-Onorevoli Prim Ministru. Il-President huwa l-kap ta' l-Istat u mhux il-kap tal-Gvern;

Illi għalkemm l-awtorità esekuttiva ta' Malta hija vestita skond l-artikolu 78(1) tal-Kostituzzjoni fil-President insibu li huwa stabbilit li din l-awtorità tiġi eżerċitata mill-President, jew direttament jew **permezz ta' uffiċjali subordinati għalih,** skond id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Insibu li fl-artikolu 79(2) tal-Kostituzzjoni l-Kabinett għandu **d-direzzjoni ġenerali u l-kontroll tal-Gvern ta' Malta** u jkun responsabbli kollettivament dwar hekk lejn il-Parlament;

Għalhekk isegwi li l-President ta' Malta mhux responsabbli għall-aġir tal-Gvern u għalhekk ma għandux jirrispondi għal nuqqasijiet tal-Gvern jew ta' l-amministrazzjoni tal-pajjiż jew ta' l-istrutturi tiegħu;

Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-President ta' Malta mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi:

(1) tilqa' l-eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-President ta' Malta li hu ġie mħarrek inutilment għax mhux leġittimu kontradittur u tiddikjara li huwa mhux kontradittur leġittimu

f'din il-kawża u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż *kontra* r-rikorrenti;

(2) tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-Onorevoli Prim Ministru li biha huwa eċċepixxa li ġie mħarrek inutilment billi qal li mhux leġittimu kontradittur, bl-ispejjeż kontra l-istess intimat;

(3) tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-Avukat Ġenerali tar-Repubblika li biha huwa eċċepixxa l-illeġittimità tal-persuna ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika f'din il-kawża u talab li jiġi lliberat mid-domandi u/jew mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.